TEATRU MALTA

SEJĦA

# GRUPP TA' TEATRU MALTA

Applika sas-7 ta' Novembru 12:00pm

NAPA

teatrumalta.org.mt

TEATRU MALTA

# INGĦAQAD MAL-GRUPP TA' TEATRU MALTA

L-ewwel Ensemble ibrida ta' Teatru Malta kellha debutt tal-ġenn: mis-suċċess interattiv għall-familja kollha MITI MITI bħala parti minn ŻiguŻajg sal-logħba immersiva li tmur lura għall-1881, mill-intimità naturali ta' Repubblikgħana u OĦXON li daħlu fil-klassijiet minn skola għal oħra, sal-ispazji fuq skala nazzjonali fejn ittellgħu Boċċi – Il-Musical u Ġaħan. L-Ensemble wriet li t-teatru f'Malta jista' jkun kuraġġuż, aġili, u b'għeruqu fost niesu.

Irridu nżommu l-pass, u se niftħu l-awdizzjonijiet għal membri ġodda tal-Ensemble.

# MA' XIEX SE TINGĦAQAD?

Truppa b'diversi talenti li tirreċta, tivvinta, u anki xxammar il-kmiem minn wara l-kwinti: drammaturġija, ħolqien ta' kontenut u props, għajnuna fil-festivals, taħriġ taż-żgħażagħ, u aktar. Dan huwa l-mudell ibridu tagħna: artisti li jtellgħu x-xogħol, fuq il-palk u lil hinn minnu.

# X'GĦAMILNA (SA ISSA)

MITI MITI: miti interattivi għat-tfal, li issa saru parti mir-repertorju ta' Teatru Malta.

1881: L-aktar logħba teatrali immersiva u ambizzjuża ta' Malta sa issa.

Repubblikgħana u OĦXON: id-drammi tagħna li jidħlu fil-klassi, u jduru l-iskejjel madwar Malta u Għawdex.

Boċċi, il-Musical: musical mill-aqwa, b'qalbu f'idejh, li jiċċelebra il-logħba tradizzjonali u l-komunità tagħha.

Il-Ġaħan: adattament monumentali tad-dramm klassiku ta' Ebejer, maħdum mill-ġdid għal ġenerazzjoni ġdida.

Truppa, Trikki Trakki, Każin 60+ u Ġamborì: programmi interġenerazzjonali u festivals għaż-żgħażagħ li jgħaqqdu liż-żgħażagħ mal-anzjani permezz ta' prestazzjonijiet.

U m'aħniex biħsiebna ma nżommux dal-pass. L-Ensemble se tkompli fl-2026, twessa' t-touring tagħha, taħdem biex tilħaq in-nies, toħloq xogħlijiet flimkien ma' skejjel, festivals, u sħab Ewropej

↓ Il-Ġaħan



↓ Boċċi, il-Musical



# X'QED INFITTXU

- Ħiliet performattivi b'saħħithom u rieda ta' kollaborazzjoni.

- Talenti ibridi li jmorru lil hinn mir-reċtar (eż., kitba, tfassil, moviment, mużika, xogħol vokali, edukazzjoni, produzzjoni, ġestjoni tal-produzzjoni, traduzzjoni, direzzjoni tal-moviment, direzzjoni mużikali, ħolqien ta' kontenut, teknika jew disinn).

- Komunikazzjoni bilingwi (bil-Malti u bl-Ingliż).

- Entużjażmu għat-touring, l-edukazzjoni, u t-teatru komunitarju.

# L-AWDIZZJONIJIET - NOVEMBRU 2025

L-Ewwel Fażi: Warm-up fi grupp, improviżazzjoni, u sejħa għal moviment qasir.

It-Tieni Fażi: Prestazzjoni fuq biċċa xogħol imħejjija ta' bejn 2 u 5 minuti (test, kanzunetta, moviment, jew taħlita) segwita minn intervista.

Awdizzjoni Finali: Sessjoni mal-Ensemble kurrenti fl-ispazju tar-rehearsals ta' Teatru Malta (id-dettalji jingħataw mal-konferma).

Notifikazzjoni: sal-bidu ta' Diċembru tal-2025
Bidu: Jannar tal-2026

# KIF TAPPLIKA

Permezz ta' email indirizzata lil contact@teatrumalta.org.mt b'dawn li ġejjin mehmuża:

1. CV u Portafoll

2. Ittra ta' motivazzjoni għidilna dwar il-potenzi tiegħek fuq il-palk, u s-superpotenza tiegħek lil hinn mill-palk

3. Ħolqa għal filmat (rappreżentazzjoni waħda jew kumpilazzjoni, massimu ta' 3 minuti)

Id-Data ta' Skadenza: Il-Ġimgħa, is-7 ta' Novembru 2025 f'nofsinhar.

↓ 1881



# IX-XOGĦOL

Il-Kuntratt: 12-il xahar, jibda minn Jannar tal-2026 (jiġġedded).

Is-Sigħat: 40 siegħa/ġimgħa (flessibbli; jinkludu sigħat filgħaxijiet/fi tmiem il-ġimgħa).

Il-Bażi: Teatru Malta (Raħal Ġdid) + postijiet, skejjel u komunitajiet madwar Malta.

Ir-Remunerazzjoni: allinjata mal-qafas kurrenti tal-Ensemble ta' Teatru Malta u l-istandards tal-PCO.

# L-GĦAŻLA U L-KULTURA TAL-GRUPP

L-artisti li jintgħażlu għall-fażi finali jiġu mistiedna għall-awdizzjonijiet f'Novembru. Aħna napprezzaw il-versatilità, il-kurżità, l-impenn u l-altruwiżmu: dawn kollha huma l-fjuwil li jħaddem il-magna tat-teatru nazzjonali. L-Ensemble tikkollabora fil-ħidmiet biex jintlaħqu n-nies, fit-tours fil-klassijiet, il-festivals, u l-produzzjonijiet kollha ta' Teatru Malta. Stenna sena li tinqasam f'biċċiet indaqs ta' rehearsals, palk, vjaġġar, għaraq, u tagħlim.

# L-INKLUŻJONI

Teatru Malta jilqa' applikanti bi kwalukwe abbiltajiet u mill-isfondi kollha. Jekk teħtieġ tibdil fl-awdizzjoni, kemm tavżana meta tapplika.

**Teatru Malta**
Il-Kumpanija Teatrali Nazzjonali ta' Malta
www.teatrumalta.org.mt

↓ MITI MITI




TEATRU
MALTA